

31980R2213

29.8.1980

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 226/33

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 2213/80  
tas-27 ta' Ġunju 1980**

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Guinea Bissau u l-Komunità Ekonomika Ewropea dwar is-sajd il-barra mill-kosta ta' Guinea Bissau, u taż-żewġ skambji ta' ittri li jirreferu għal dan.**

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Wara li kkunsidra it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(1)</sup>,

Billi hu fl-interess tal-Komunità li tapprova l-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika ta' Guinea Bissau dwar is-sajd il-barra mill-kosta ta' Guinea Bissau, u taż-żewġ skambji ta' ittri li jirreferu għal dan, iffirmati fi Brussel fis-27 ta' Frar 1980;

Billi l-konklużjoni ta' dan il-Ftehim ma trendi xejn id-Deċiżjoni tal-Kunsill 80/255/KEE tas-26 ta' Frar 1980, li tikkonċerna l-konklużjoni tal-Ftehim f'forma ta' skambju ta' ittri dwar l-applikazzjoni proviżjonali tal-Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Guinea Bissau u taż-żewġ skambji ta' ittri li jirrelataw ma' dan <sup>(2)</sup>,

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-27 ta' Ġunju 1980.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. SARTI

*L-Artikolu 1*

Il-Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Guinea Bissau u l-Komunità Ekonomika Ewropea dwar is-sajd il-barra mill-kosta ta' Guinea Bissau, u taż-żewġ skambji ta' ittri li jirreferu għal dan huma approvati f'isem il-Komunità;

L-istrumenti li għalihom issir fil-paragrafu preċedenti huma l-annessi ma' dan ir-Regolament.

*L-Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill għandu jagħti n-notifika li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 18 tal-Ftehim <sup>(3)</sup>.

*L-Artikolu 3*

Id-Deċiżjoni 80/255/KEE hija b'hekk mħassra.

*L-Artikolu 4*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

<sup>(1)</sup> ĠU C 85, tat-8.4.1980, p. 103.

<sup>(2)</sup> ĠU L 58, ta' l-1.3.1980, p. 73.

<sup>(3)</sup> Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim għandha tkun ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.